# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/419

**tad-9 ta' Marzu 2021**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Jasminum polyanthum* Franchet li toriġina f'Iżrael, u li jadatta l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda għall-*Ullucus tuberosus* u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 fir-rigward tal-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni ta' dawk il-pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(3) u l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 42(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 ([2]) jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 ([3]) jistabbilixxi r-regoli speċifiċi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita biex issir il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikolu 42(4) tar-Regolament (UE) 2016/2031 għal dawk il-pjanti, il-prodotti mill-pjanti u l-oġġetti l-oħra ta' riskju għoli.

(3) Wara valutazzjoni preliminari, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 iddaħħlu 35 pjanta għat-tħawwil li joriġinaw mill-pajjiżi terzi kollha, bħala pjanti ta' riskju għoli, li fosthom hemm il-ġeneru *Jasminum* L.

(4) F'konformità mar-Regolament (UE) 2016/2031, jekk jiġi konkluż abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju li pjanta, prodott mill-pjanti jew oġġett ieħor li joriġinaw minn pajjiż terz, minn grupp ta' pajjiżi terzi jew minn żona speċifika tal-pajjiż terz ikkonċernat ikun fihom riskju inaċċettabbli ta' pesti, iżda dak ir-riskju jista' jitnaqqas għal livell aċċettabbli jekk jitwettqu ċerti miżuri, il-Kummissjoni trid tneħħi dik il-pjanta, il-prodott mill-pjanti jew l-oġġett l-ieħor mil-lista stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 u żżidhom mal-lista msemmija fl-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) 2016/2031.

(5) Barra minn hekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 ([4]) jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tħassru mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.

(6) Fil-25 ta' Settembru 2019, Iżrael ressaq talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni ta' pjanti għat-tħawwil maqlugħa bl-għeruq tal-*Jasminum polyanthum* Franchet ("il-pjanti speċifikati"). Dik it-talba ġiet sostnuta bid-dossier tekniku rispettiv.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2018 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward il-proċedura li trid tiġi segwita sabiex issir il-valutazzjoni tar-riskju ta' pjanti b'riskju għoli, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra fit-tifsira tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 7).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 tal-21 ta' Awwissu 2020 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5).

(7) Fit-12 ta' Awwissu 2020, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ippubblikat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' komodità tal-pjanti għat-tħawwil *Jasminum polyanthum* minn Iżrael ([5]). L-Awtorità identifikat lil *Scirtothrips dorsalis*, *Aonidiella orientalis*, *Milviscutulus mangiferae*, *Paracoccus marginatus*, *Pulvinaria psidii* u *Colletotrichum siamense* ("il-pesti speċifikati") bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti għat-tħawwil, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossier għal dawk il-pesti, u stmat il-probabbiltà tagħhom ta' ħelsien mill-pesti.

(8) Abbażi ta' dik l-opinjoni, huwa kkunsidrat li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil maqlugħa bl-għeruq tal-*Jasminum polyanthum* Franchet, li joriġinaw minn Iżrael, jitnaqqas għal livell aċċettabbli meta jiġu applikati miżuri ta' mitigazzjoni xierqa li jindirizzaw ir-riskju ta' pesti relatati ma' dawk il-pjanti għat-tħawwil.

(9) Dawk il-miżuri, adottati bħala rekwiżiti fitosanitarji tal-importazzjoni, jiżguraw il-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni mill-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pjanti għat-tħawwil maqlugħa bl-għeruq tal-*Jasminum polyanthum* li joriġinaw minn Iżrael ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli, u jenħtieġ jitneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.

(10) Il-miżuri deskritti minn Iżrael fid-dossier huma kkunsidrati biżżejjed biex ir-riskju mill-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fit-territorju tal-Unjoni jitnaqqas għal livell aċċettabbli. Għaldaqstant, il-miżuri adottati b'dan ir-Regolament jenħtieġ jissejsu fuq dawk deskritti minn Iżrael fid-dossier.

(11) *Scirtothrips dorsalis* hu pest elenkat bħala pest ta' kwarantina tal-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([6]). *Aonidiella orientalis*, *Milviscutulus mangiferae*, *Paracoccus marginatus*, *Pulvinaria psidii* u *Colletotrichum siamense* għadhom ma ddaħħlux fil-lista tal-pesti ta' kwarantina tal-Unjoni li hemm fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, iżda wara valutazzjoni tar-riskju sħiħa oħra jaf ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiddaħħlu fil-lista. Għal din ir-raġuni, fir-rigward ta' dawk il-pesti hemm bżonn miżuri fitosanitarji sakemm issir valutazzjoni tar-riskju sħiħa.

(12) Għaldaqstant, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 jenħtieġ jiġi sostitwit b'wieħed ġdid biex jinkludi dawk il-miżuri fitosanitarji.

(13) Jenħtieġ tinkludi wkoll l-elenkar mill-ġdid tal-pjanti, tal-prodotti mill-pjanti u tal-oġġetti l-oħra rispettivi fl-ordni alfabetiku, biex tiġi ffaċilitata l-leġibbiltà ta' dik il-lista.

(14) Mill-esperjenza tal-kontrolli tal-importazzjoni wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/2019 joħroġ fid-dieher li xi kodiċijiet addizzjonali tan-Nomenklatura Magħquda (NM) stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([7]) jeħtieġ jiġu inklużi fil-punt 2 tal-Anness ta' dak ir-Regolament biex ikopru l-komoditajiet kollha kkummerċjalizzati bħala pjanti tal-*Ullucus tuberosus*. Għaldaqstant, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jenħtieġ jiġi emendat skont dan.

(15) Għal konformità mal-obbligi tal-Unjoni li jirriżultaw mill-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji, l-importazzjoni ta' dawk il-komoditajiet jenħtieġ tissokta fl-iqsar żmien possibbli.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([5]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), Scientific Opinion on the commodity risk assessment of *Jasminum polyanthum* plants from Israel. EFSA Journal 2020;18(8):6225, 78 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.6225.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS I*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1, fit-tieni kolonna "Deskrizzjoni" il-kelma "*Jasminum* L." hija sostitwita bi "*Jasminum* L., għajr il-pjanti għat-tħawwil maqlugħa bl-għeruq tal-*Jasminum polyanthum* Franchet li joriġinaw minn Iżrael;"

(b) fil-punt 2, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0601 10 90 | *Ullucus tuberosus* Loz." |
| ex 0601 20 90 | |
| ex 0604 20 90 | |
| ex 0714 90 20 | |
| ex 1209 91 80 | |
| ex 1404 90 00 | |

*ANNESS II*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"ANNESS*

**Lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li joriġinaw minn pajjiżi terzi, u r-rekwiżiti korrispondenti għall-introduzzjoni tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2**

| Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra | Kodiċi NM | Pajjiżi terzi tal-oriġini | Miżuri |
|---|---|---|---|
| *Acer japonicum* Thunberg, *Acer palmatum* Thunberg u *Acer shirasawanum* Koidzumi, bl-għeruq mikxufa, inattivi, ħielsa mill-weraq, imlaqqma jew imraħħma, pjanti li għandhom minn sena sa tliet snin għat-tħawwil | ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50 | New Zealand | (a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Eotetranychus sexmaculatus*;<br>(ii) tul ħajjithom il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;<br>(iii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa sa mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-*Eotetranychus sexmaculatus*; f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-*Eotetranychus sexmaculatus* fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa biex ikun żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; ġiet stabbilita żona ta' 100 m madwar is-sit, li hija soġġetta għal stħarriġiet speċifiċi fi żminijiet xierqa biex jinstab il-pest *Eotetranychus sexmaculatus* u meta nstab il-pest fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti nqalgħu u nqerdu minnufih;<br>(iv) twaqqfet sistema biex tiżgura li, qabel ma jiddaħħlu fis-sit tal-produzzjoni, l-għodod u l-makkinarju jkunu tnaddfu għalkollox mill-ħamrija u minn biċċiet tal-pjanti u ġew diżinfettati biex jinħelsu mill-*Eotetranychus sexmaculatus*;<br>(v) waqt il-qlugħ, il-pjanti tnaddfu, inżabru u saritilhom spezzjoni fitosanitarja uffiċjali li mill-anqas tkun tikkonsisti minn eżami viżiv dettaljat, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti biex jiġi kkonfermat li fuqhom m'hemmx *Eotetranychus sexmaculatus*;<br>(vi) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-*Eotetranychus sexmaculatus*, u d-daqs tal-kampjun spezzjonat kien biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %; |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | (b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:<br>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1362';<br>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati. |
| *Acer japonicum* Thunberg, *Acer palmatum* Thunberg u *Acer shirasawanum* Koidzumi, bl-għeruq mikxufa, inattivi, ħielsa mill-weraq, imlaqqma jew imraħħma, pjanti li għandhom minn sena sa tliet snin għat-tħawwil | ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 48<br>ex 0602 90 50 | New Zealand | (a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Oemona hirta* u mill-*Platypus apicalis*;<br>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;<br>(iii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa sa mill-bidu taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-pjanti, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-*Oemona hirta* u mill-*Platypus apicalis*; f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-*Oemona hirta* jew tal-*Platypus apicalis* fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti;<br>(iv) waqt il-qlugħ, il-pjanti tnaddfu u saritilhom spezzjoni uffiċjali biex jiġi kkonfermat li fuqhom m'hemmx *Oemona hirta* u *Platypus apicalis*;<br>(v) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Oemona hirta* u tal-*Platypus apicalis*, u d-daqs tal-kampjun spezzjonat kien biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;<br>(b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:<br>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1362';<br>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati. |
| *Albizia julibrissin* Durazzini, bl-għeruq mikxufa, inattivi, pjanti mlaqqma għat-tħawwil b'dijametru massimu ta' 2,5 cm | ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 48 | Iżrael | (a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u mill-*Fusarium euwallaceae*;<br>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni;<br>(iii) il-pjanti jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:<br>1. il-pjanti għandhom dijametru iżgħar minn 2 cm fil-bażi taz-zokk<br>jew |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | 2. għal mill-anqas sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u sarulu spezzjonijiet uffiċjali fi żminijiet xierqa u nstab ħieles mill-pest, u dan hu kkonfermat mill-inqas b'nases li jiġu kkontrollati mill-inqas kull erba' ġimgħat, inkluż minnufih qabel il-ġarr,<br>jew<br>3. il-pjanti tkabbru f'sit tal-produzzjoni li sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru mill-inqas kull erba' ġimgħat, instab ħieles mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u mill-*Fusarium euwallaceae*, u dan jiġi kkonfermat mill-inqas bin-nases għall-*Euwallacea fornicatus sensu lato*; f'każ ta' suspett tal-preżenza ta' xi wieħed miż-żewġ pesti fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa kontra l-pesti biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; tiġi stabbilita żona ta' 1 km madwar is-sit, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għall-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u għall-*Fusarium euwallaceae*, u meta xi wieħed miż-żewġ pesti jinstab fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu;<br>(iv) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti b'dijametru ta' 2 cm jew iżjed fil-bażi taz-zokk, saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-pest, inkluż b'kampjunar distruttiv. Id-daqs tal-kampjun spezzjonat għandu jkun biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;<br>(b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:<br>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 ';<br>(ii) l-ispeċifikazzjoni ta':<br>— liema rekwiżit tal-punt (a)(iii) f'din l-entrata ġie ssodisfat, u<br>— is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i). |
| *Albizia julibrissin* Durazzini, bl-għeruq mikxufa, inattivi, pjanti mlaqqma għat-tħawwil b'dijametru massimu ta' 2,5 cm | ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 48 | Iżrael | (a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Aonidiella orientalis*;<br>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini. Dik ir-reġistrazzjoni |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni. Dak il-post tal-produzzjoni jissodisfa wkoll wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:<br>1. għal mill-anqas sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Aonidiella orientalis* u sarulu spezzjonijiet uffiċjali kull tliet ġimgħat u nstab ħieles mill-pest, inkluż minnufih qabel il-ġarr,<br>jew<br>2. waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru kull tliet ġimgħat sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-vetegazzjoni, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-*Aonidiella orientalis*; f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-pest fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa kontra l-pest biex ikun żgurat li l-pest ma jkunx preżenti; tiġi stabbilita żona ta' 100 m madwar is-sit, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għall-*Aonidiella orientalis*, u meta l-pest jinstab fuq xi pjanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu;<br>(iii) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-*Aonidiella orientalis*. Id-daqs tal-kampjun spezzjonat għandu jkun biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;<br>(b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:<br>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 ';<br>(ii) l-ispeċifikazzjoni ta':<br>— liema rekwiżit tal-punt (a)(ii) f'din l-entrata ġie ssodisfat, u<br>— is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i). |
| il-pjanti għat-tħawwil maqlugħa bl-għeruq tal-*Jasminum polyanthum* Franchet | ex 0602 10 90 | Iżrael | (a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(i) il-pjanti huma ħielsa mis-*Scirtothrips dorsalis*, mill-*Aonidiella orientalis*, mill-*Milviscutulus mangiferae*, mill-*Paracoccus marginatus*, mill-*Pulvinaria psidii* u mill-*Colletotrichum siamense*; |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | (ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li, flimkien mas-siti tal-produzzjoni li huma parti minnu, hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini;<br>(iii) il-pjanti jkunu tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika kontra l-introduzzjoni tas-*Scirtothrips dorsalis*, tal-*Aonidiella orientalis*, tal-*Milviscutulus mangiferae*, tal-*Paracoccus marginatus*, u tal-*Pulvinaria psidii*;<br>(iv) is-sit tal-produzzjoni sarulu spezzjonijiet uffiċjali għall-preżenza tas-*Scirtothrips dorsalis*, tal-*Aonidiella orientalis*, tal-*Milviscutulus mangiferae*, tal-*Paracoccus marginatus*, tal-*Pulvinaria psidii* u tal-*Colletotrichum siamense* kull tliet ġimgħat u nstab ħieles minn dawk il-pesti;<br>(v) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tas-*Scirtothrips dorsalis*, tal-*Aonidiella orientalis*, tal-*Milviscutulus mangiferae*, tal-*Paracoccus marginatus* u tal-*Pulvinaria psidii*, u d-daqs tal-kampjun spezzjonat kien biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %; u saritilhom spezzjoni uffiċjali wkoll għall-preżenza tal-*Colletotrichum siamense*, inkluż bi ttestjar tal-pjanti sintomatiċi;<br>(b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:<br>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/419'; u<br>(ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati. |
| *Robinia pseudoacacia*, bl-għeruq mikxufa, inattivi, pjanti mlaqqma għat-tħawwil b'dijametru massimu ta' 2,5 cm | ex 0602 90 41<br>ex 0602 90 45<br>ex 0602 90 46<br>ex 0602 90 48 | Iżrael | (a) Dikjarazzjoni uffiċjali li:<br>(i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u mill-*Fusarium euwallaceae*;<br>(ii) tul ħajjithom, il-pjanti tkabbru dejjem f'post tal-produzzjoni li hu rreġistrat u ssorveljat mill-organizzazzjoni nazzjonali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-pajjiż tal-oriġini. Dik ir-reġistrazzjoni tinkludi s-siti tal-produzzjoni rispettivi fil-post tal-produzzjoni;<br>(iii) il-pjanti jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:<br>1. il-pjanti għandhom dijametru iżgħar minn 2 cm fil-bażi taz-zokk<br>jew<br>2. għal mill-anqas sitt xhur qabel l-esportazzjoni, il-pjanti tkabbru f'sit bi protezzjoni fiżika sħiħa kontra l-introduzzjoni tal-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u sarulu spezzjonijiet uffiċjali fi żminijiet xierqa u nstab ħieles mill-pest, u dan |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | hu kkonfermat mill-inqas b'nases li jiġu kkontrollati mill-inqas kull erba' ġimgħat, inkluż minnufih qabel il-ġarr,<br>jew<br>3. il-pjanti tkabbru f'sit tal-produzzjoni li sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu sħiħ tal-veġetazzjoni, waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru mill-inqas kull erba' ġimgħat, instab ħieles mill-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u mill-*Fusarium euwallaceae*, u dan jiġi kkonfermat mill-inqas bin-nases għall-*Euwallacea fornicatus sensu lato*; f'każ ta' suspett tal-preżenza ta' xi wieħed miż-żewġ pesti fis-sit tal-produzzjoni, saru trattamenti xierqa kontra l-pesti biex ikun żgurat li l-pesti ma jkunux preżenti; tiġi stabbilita żona ta' 1 km madwar is-sit, li tkun monitorjata fi żminijiet xierqa għall-*Euwallacea fornicatus sensu lato* u għall-*Fusarium euwallaceae*, u meta xi wieħed miż-żewġ pesti jinstab fuq xi pjanti ospitanti, dawk il-pjanti jenħtieġ jitneħħew minnufih u jinqerdu;<br>(iv) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti b'dijametru ta' 2 cm jew iżjed fil-bażi taz-zokk, saritilhom spezzjoni uffiċjali, b'mod partikolari taz-zkuk u tal-friegħi tal-pjanti, għall-preżenza tal-pest, inkluż b'kampjunar distruttiv. Id-daqs tal-kampjun spezzjonat għandu jkun biżżejjed biex jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas 1 % ta' infestazzjoni mill-pest b'livell ta' affidabbiltà ta' 99 %;<br>(b) taħt l-intestatura 'Dikjarazzjoni Addizzjonali', iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu:<br>(i) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Il-konsenja tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213';<br>(ii) l-ispeċifikazzjoni ta':<br>— liema rekwiżit tal-punt (a)(iii) f'din l-entrata ġie ssodisfat, u<br>— is-sit(i) tal-produzzjoni rreġistrat(i)." |